MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 839/2001/1

**Avviz Nru 839/01 DM**

**Joseph Bonello ezercenti l-kummerci taht l-isem JB Concrete Mix**

**vs**

**Salvu Grech u Guzi Grech**

Il-Qorti,
Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti solidament bejnithom ghal hlas tas-somma ta' Lm4,777.54c (erba' telef seba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) u dan rapprezentanti valur ta' konkos u gebel supplit mill-attur lill-konvenuti illi ghadu ma thallasx.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti, bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ta' Guzi Grech u Salvu Grech fejn eccipew illi:-

1 Preliminarjament u fil-kaz ta' Guzi Grech dan m'ghandux relazzjoni legali mal-attur u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2 Fil-mertu m'hemm ebda flus dovuti lill-attur li jaf ben tajjeb billi hu stess kien debitur fl-amont pretiz jekk mhux iktar, flimkien mal-imghax, liema somma pretiza fl-avviz giet imhallsa bil-konkos u gebel, u dan kif se jigi ippruvat;

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, Guzi Grech, hija rilevanti d-deposizzjoni tal-konvenut l-iehor, Salvu Grech, li, fis-seduta tat-22 ta' Novembru tas-sena 2002, kien xehed illi huwa u huh Guzi, il-konvenut l-iehor, jahdmu bi shab u anke fil-kwistjoni odjerna u f'kull ftehim li sar mall-attur, huh Guzi kien bi shab mieghu.

Dan qatt ma gie kontradett mill-konvenut Guzi Grech nnifsu u ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tirrespingi dina l-ewwel eccezzjoni preliminarji sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi f'din il-kwistjoni l-konvenuti huma nvoluti it-tnejn flimkien *in solidum* bejnithom.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-konvenuti m'humiex qeghdin jikkontestaw il-fatt illi huma kienu rcievew kwantita ta' gebel u konkos ghal valur indikat mill-attur, izda huma qeghdin jikkontendu illi dan l-ammont, jew il-parti kbira minnhu, kien gie kkumpensat permezz ta' ftehim tad-9 ta' Settembru tal-1999 ma' somma ta' Lm4,500 (erba' telef u hames mitt lira Maltin) li kienet giet stabbilita bhala prezz ta' garaxx illi l-konvenuti kellhom jittrasferrixxu lill-attur ghas-saldu tal-valur ta' Lm4,500

(erba' telef u hames mitt lira Maltin) prezz ta konkos u gebel ipprovdut mill-attur. Kopja ta' dan il-ftehim, ossia konvenju tad-9 ta' Settembru 1999 giet esibita a fol 13 (tal-process) u mmarkata dokument JB1.

Minn dan il-kuntratt jirrizulta espressament miftiehem illi l-ftehim kellu jibqa validu sat-30 ta' Settembru tas-sena 2000.

Ghalhekk billi ma jirrizultax illi dan il-ftehim gie b'xi mod imgedded, u billi jirrizulta illi dan il-konvenju u kull ftehim inkorporat fih skada u baqa' bla ebda effett wara it-30 ta' Settembru tas-sena 2000, kwalunkwe pretensjoni tal-konvenuti li tirrigwarda t-trasferriment o meno tal-garaxx u tal-valur tieghu fis-somma ta' Lm4,500 (erba' telef u hames mitt lira Maltin) ma tistax treggi billi m'ghadiex sorretta bil-ftehim espress minnhom maghmul; anzi l-istess ftehim espressament jistipula illi mill-1 t'Ottubru tas-sena 2000 dan il-ftehim stess ma baqghax isehh.

Ghaldaqstant billi l-attur ipprezenta wkoll id-dokumenti kollha rilevanti in sostenn tat-talba tieghu, jirrizulta ampjament il-kreditu tieghu fil-konfront tal-konvenuti fis-somma mitluba ta' Lm4,777.54c (erba' telef seba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) u ghaldaqstant qeghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejnithom sabiex jhallsu lill-attur is-somma mitluba ta' Lm4,777.54c (erba' telef seba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 t'Ottubru 2001

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejnithom

--------------------------------TMIEM--------------------------------